# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Frar 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 231/2020 TA**

**Jesmond Micallef (K.I.: 319666(M))**

**vs**

**Aaron Sciberras (K.I.:51589 (M)) u martu**
**Roselyn Sciberras (K.I.: 191091(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jesmond u martu Rosette konjuġi Micallef (ir-rikorrenti) tal-5 ta' Jannar 2021.

Rat ir-risposta ta' Aaron Sciberras u Roselyn Sciberras (l-intimati) tal-25 ta' Frar 2021.

Rat il-verbal tal-4 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ġie verbalizzat hekk:

"*Dr. William Cuschieri fil-waqt li jaghmel referenza ghar-rikors tal-5 ta; Jannar 2021 u ghall-vebal ta' din il-Qorti tal-ahhar udjenza, jirrileva illi t-talba tieghu kellha ssir ai termini tal-ligi tal-procedura skont artikolu 810, 810A u/jew 810B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli tal-ligi civili regolanti bil-komunjoni tal-akkwisti skont artikolu 1321 et seq tal-Kodici Civili salv u impregudikat il-fatt illi l-iskrittura mertu tal-kawza tindika bhala parti lill-attur Jesmond Micallef wahdu u salv u impregudikat dak li jipprovdi l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili fejn negozjant fil-gestjoni tal-kummerc tieghu jista' jagixxi minghajr l-intervent tal-mara tieghu.*"

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li r-rikors ġie differit għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat**

Dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti hu li din il-Qorti tawtorizza li Rosette Micallef tassumi l-atti tal-Kawża bħala ko-attriċi flimkien ma żewġha l-Attur fil-Kawża u dan in vista li fl-iskrittura tat-3 ta' Mejju 2017, għalkemm mill-mod kif redatta ma hemm ebda referenza għal Roselyn Micallef, żewġha iffirma għan-nom tagħha wkoll.  L-esponenti jsostnu t-talba tagħhom fid-dawl tal-Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili peress li ż-żwieġ tagħhom huwa regolat mir-reġim tal-kommunjoni tal-akkwisti u kif ukoll abbażi tal-Artikoli 810 , 810A u 810B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li trid tinżamm distinzjoni bejn l-Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili u l-artikoli l-oħra tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tal-ewwel jirrigwarda l-interess sostantiv tar-rikorrenti meta dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija kwistjoni ta' proċedura. Huma l-artikoli tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jridu jkunu ikkunsidrati ai fini tat-talbiet odjerni. Għalhekk ser ikunu ikkunsidrati wieħed wieħed.

Artikolu 810(1) jiddisponi hekk:

*Tista' wkoll il-parti, illi jkun għad ma ddikjaratx jekkt ridx taċċetta l-wirt jew l-esekutorija, tidher biex taċċetta l-ħatra bħala kuratur u tissokta l-kawża f'dik il-kwalità* (Emfasi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu tal-liġi jirriżulta manifestament li dan l-artikolu ma hux applikabbli għat-talbiet li għandha quddiemha. Dan l-artikolu jiddisponi dwar min jista' jassumi l-atti f'każ ta' mewt.

Artikolu 810A jiddisponi hekk:

*Fil-każ ta' xi bdil ieħor tal-partijiet f'kawża għal raġuni oħra li ma tkunx il-mewt pendente lite ta' xi parti fil-kawża, min ikun jixtieq jidħol fil-kawża għandu jippreżenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawża flimkien ma' jew minflok dik il-parti li hekk għandha x'taqsam, u s-sentenza tkun ukoll torbot lil dik il-parti li tkun assumiet l-atti tal-kawża.* (Emfasi tal-Qorti).

Dan l-artikolu huwa maħsub għal meta jkun hemm bdil fil-partijiet waqt li tkun miexja fil-Kawża. Dan huwa rimedju ad hoc (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-**

**20 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet Emmanuel A. Bonello fil-kwalita` tiegħu ta' Kontrullur tas-soċjeta` Maltese Properties Limited -vs- Francis Fenech**.)

Biex persuna bħal din tkun tista' tidħol fil-Kawża bis-saħħa ta' dan l-artikolu, ma tridx li din kellha interess fil-kawża **qabel** ma tkun intavolata l-Kawża. L-interess li tidħol irid ikun insorġa wara li tkun bdiet il-Kawża. Għalhekk lanqas dan l-artikolu ma hu applikabbli għal dak li għandha quddiemha l-Qorti.

Finalment Artikolu 810B jiddisponi s-segwenti:

*Meta, fi żmien sitt xhur mill-mewt pendente lite ta' xi parti f'kawża, ma jkun sar ebda rikors minn xi persuna sabiex tkompli l-kawża minflok il-mejjet, jew fejn matul dan iż-żmien ebda rikors ma jkun ġie intavolat minn xi parti fil-kawża sabiex jintalab li l-kawża tkompli ssir f'isem l-eredi preżunt jew preżunti tal-mejjet, il-kawża għandha tkompli f'isem il-mejjet u kwalunkwe sentenza li tingħata f'tali kawża tkun eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet:*

*Iżda minkejja li jkun għadda l-perjodu ta' sitt xhur stipulati f'dan l-artikolu, kwalunkwe persuna interessata li għaliha jirreferi l-Artikolu 807 kif ukoll il-parti l-oħra fil-kawża tista', sa dak iż-żmien li l-kawża tiġi differita għas-sentenza jew wara s-sentenza fil-każ li l-persuna jew il-parti msemmija tippreżenta rikors tal-appell, tutilizza d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 806 u807 rispettivament:*

*Iżda wkoll ebda sentenza mogħtija fir-rigward ta' parti mejta m'għandha titqies bħala nulla jew difettuża minħabba l-fatt biss li l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi*

*f'dan l-artikolu ma jkunx laħaq għadda sal-mument meta l-kawża tmur għas-sentenza.* (Emfasi tal-Qorti)

Anke dan l-artikolu huwa manifestament ċar li jirreferi għall-mewt ta' parti fil-Kawża. Għalhekk, anke hawn, dan l-artikolu żgur mhux applikabbli għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti. Meta l-liġi riedet li persuna tidħol fil-Kawża billi isimha jiżdied fl-okkju dan għamlitu b'mod ċar bl-Istituti tal-liġi appositi. Xi regola tal-liġi biex isir dak li qed jitlobu ir-rikorrenti ma hemmx.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjeż ta' din il-proċedura riservati għal mas-Sentenza finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**